## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 29 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

## Muhamed Tahir Muhamed

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Muhamed Tahir Muhamed** ta' 32 sena, bin Muhamed u Fatima, mwieled l-Eritrea f'l-01/01/1989, detentur tan-numru tal-Pulizija 19JJ-009, Nazzjonalita Eritrea u jissjedi gewwa c-Centru miftuh Halfar, limiti Birzebbuga**.**

Akkuzat talli fit-28 ta' Mejju 2021, f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé Passaport tal-Gambja bin-numru PC127098 maħruġ f'isem Baldeh Alieu u Karta tal-Identita Taljana bin-numru AX3645411 mahruga f' isem Baldeh Alieu, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuni oħra, cioé dawk diġa imsemmija (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Muhamed Tahir Muhamed** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**